**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 27 ta' April, 2016**

**Kawża Nru 42**

**Ċitazz. Nru. 62/00JRM**

**RAINBOWMIX CONCRETE LIMITED**

vs

Andrew u Sandra konjuġi **GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta' Jannar, 2000, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (i) issib li l-imħarrkin u/jew il-perit tagħhom jaħtu għad-dewmien fit-twettieq min-naħa tagħha tax-xogħlijiet li huma qabbduha tagħmel fil-kuntratt ta' appalt tat-3 ta' Lulju, 1997, għall-bini tal-post numru 3, Triq il-Bies, Tat-Tuffiegħ, f'San Ġwann; (ii) tikkundanna lill-imħarrkin iħallsuha s-somma ta' tmint elef seba' mija u tliet Liri Maltin u disgħa u disgħin ċenteżmi (Lm

8,703.99)[1] li jirrappreżenta l-bilanċ tal-prezz miftiehem ta' wieħed u għoxrin elf seba' mija u ħamsa u tmenin Lira Maltija (Lm 21,785) dovuti lilha mill-imsemmija imħarrkin bħala valur ta' xogħlijiet minnha magħmulin fl-imsemmi post; (iii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, il-prezz ta' xogħlijiet żejda u bidliet imwettqa minnha fuq talba tal-imħarrkin jew tal-perit tagħhom u li ma kinux jagħmlu mix-xogħlijiet oriġinali miftehmin; u (iv) tikkundanna lill-imħarrkin is-somma hekk likwidata dwar ix-xogħlijiet żejda jew bidliet imwettqa. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-ħlas effettiv;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin fid-19 ta' Ġunju, 2000, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex mhux talli l-kumpannija attriċi ma lestietx f'ħinhom ix-xogħlijiet li qabbduha tagħmel, iżda talli xi xogħol milli għamlet ma kienx kif jitolbu s-sengħa u l-arti u kellhom isiru mill-ġdid minn nies oħra li kellhom iqabbdu minflokha. Żiedu jgħidu li l-ewwel talba wkoll mhijiex tajba għaliex il-perit mhuwiex parti fil-kawża u huma jwieġbu biss għalih skond l-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili. Temmew jgħidu li kienu qegħdin jinqdew min-Nota biex iressqu kontro-talba;

Rat il-Kontro-Talba mressqa mill-imħarrkin flimkien man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom fid-19 ta' Ġunju, 2000, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li l-Qorti (a) ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenuta waqgħet lura fix-xogħol appaltat li tqabbdet tagħmel fil-post tagħhom bla ma kien hemm l-ebda raġuni tajba; (b) tillikwida l-penali li kellha tħallas skond il-ftehim tal-appalt minħabba dan id-dewmien; (ċ) tikkundanna lill-kumpannija rikonvenuta tħallashom il-penali għad-dewmien hekk likwidata; (d) issib li l-istess kumpannija rikonvenuta ħatja għad-danni li huma ġarrbu minħabba dawn in-nuqqasijiet tagħha; (e) tillikwida l-istess danni; u (f) tikkundanna lill-kumpannija rikonvenuta tħallashom id-danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat li l-kumpannija attriċi, minkejja li laqgħet in-notifika tal-atti tat-talba rikonvenzjonali, ma ressqitx Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien lilha mogħti;

Rat id-degriet tas-6 ta' Ottubru, 2000[2], li bih assenjat il-kawża biex tinstema' minn Qorti diversament presjeduta;

[1] Li jġibu € 20,274.84 fi flus tal-lum
[2] Paġ. 74 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-15 ta' Novembru, 2000[3], li bih ħatret lill-Perit Arkitett Alan Saliba bħala perit tekniku;

Rat ir-Rapport imressaq mill-perit tekniku fl-1 ta' Settembru, 2004[4], u minnu maħlufa kif imiss waqt is-smigħ tas-16 ta' Diċembru, 2004;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi fit-22 ta' Diċembru, 2004[5], li biha talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2005[6], li bih ħatret lill-Periti Arkitetti Joseph Ellul Vincenti, Godwin Abela u Mario Cassar bħala periti tekniċi addizzjonali;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' April, 2007[7], li bih u fuq talba magħmula waqt is-smigħ ta' dakinhar mill-avukat difensur tal-imħarrkin, iddikjarat li kienet sejra tkompli tisma' l-kawża mingħajr ma tqis ir-rapport tal-periti tekniċi addizzjonali skond l-artikolu 670(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ladarba l-kumpannija attriċi baqgħet ma ħallsitx id-drittijiet taxxati lilhom u ħalliet il-kawża għas-sentenza fin-nuqqas ta' xkiel;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2007[8], li bih u fuq talba tal-kumpannija attriċi b'rikors tagħha, waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u ħalliet li r-rapport tal-periti addizzjonali jidħol fl-atti tal-kawża ladarba l-kumpannija attriċi kienet ħallset id-drittijiet taxxati fil-mori;

Rat ir-rapport imressaq mill-periti tekniċi addizzjonali fl-4 ta' Settembru, 2006[9], u minnhom maħluf kif imiss waqt is-smigħ tat-18 ta' Novembru, 2008;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Frar, 2009[10], li bih tat lill-partijiet żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2009[11], li bih ċaħdet talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tas-6 ta' Frar, 2009, biex tħalliha tressaq lill-periti addizzjonali b'xhud tagħhom in eskussjoni;

[3] Paġ. 75 tal-proċess
[4] Paġġ, 93 – 132 tal-proċess
[5] Paġ. 321 tal-proċess
[6] Paġ. 322 tal-proċess
[7] Paġ. 339 tal-proċess
[8] Paġ. 346 tal-proċess
[9] Paġġ. 358 sa 362 tal-proċess
[10] Paġ. 398 tal-proċess
[11] Paġ. 401 tal-proċess

Rat li l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fiż-żmien lilha mogħti;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2011[12], li bih ċaħdet talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tal-21 ta' Diċembru, 2010, biex din il-Qorti terġa' tagħtiha żmien biex tressaq in-Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' xogħlijiet magħmulin f'appalt b'kontro-talba għall-kundanna tal-appaltatriċi għall-ħlas tal-penali minħabba d-dewmien u kif ukoll għall-ħlas tad-danni minħabba xogħlijiet li ma sarux kif iridu s-sengħa u l-arti;

Illi l-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "RMC") trid li titħallas il-bqija tal-prezz ta' xogħol li hija tat lill-imħarrkin b'appalt u li l-Qorti ssib li hija kienet waqgħet lura fix-xogħol lilha mogħti bi ħtija tal-istess imħarrkin u/jew tal-perit tagħhom;

Illi, min-naħa l-oħra, l-imħarrkin iridu li RMC titqies li waqgħet lura fix-xogħlijiet bi ħtija tagħha biss u li, minħabba f'hekk, għandha tħallashom penali minħabba tali dewmien, kif kien miftiehem fil-ftehim tal-appalt, u minbarra dan, li tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbu minħabba li kellhom iqabbdu lil ħaddieħor biex ikompli x-xogħlijiet li RMC baqgħet qatt ma temmet u biex jagħmel mill-ġdid ix-xogħol li RMC għamlet ħażin;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-imħarrkin huma s-sidien ta' porzjon ta' art bin-numru tlieta (3) [illum iġib l-isem "*Gotica*"], fi Triq il-Bies, f'San Ġwann, li fiha riedu jibnu '*semi-detached villa*'. Bi tħejjija għal dan, kienu qabbdu lil RMC biex tagħmel xi xogħol ta' ġebel u għoti ta' konkos fil-parti maħsuba li tkun il-ġnien ta' quddiem[13];

[12] Paġ. 412 tal-proċess
[13] Xhieda tal-A.I.Ċ. Alberto Miceli Farruġia f'paġ. 172 tal-proċess

Illi wara li sar dan ix-xogħol, inbdew negozjati dwar il-possibilita' li RMC titqabbad bħala kuntrattur fil-bini tad-dar tal-imħarrkin. In-negozjati saru bejn il-perit imqabbad mill-imħarrkin u rappreżentant ta' RMC – Mark Aquilina – u ntlaħaq qbil fuq rati u xogħol. Fit-3 ta' Lulju, 1997, l-imħarrkin qabbdu lil RMC biex jibnu l-imsemmija porzjon ta' art bis-saħħa ta' ftehim ta' appalt, u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija[14]. Fost il-patti miftehma kien hemm: (i) li x-xogħol ta' bini kellu jsir taħt id-direzzjoni ta' xi wieħed mill-periti tal-imħarrkin, jiġifieri l-Perit Alberto Miceli Farruġia jew il-Perit Kevin Abela; (ii) li x-xogħol kellu jibda fis-sebgħa (7) ta' Lulju, 1997[15], u jtul għal sebgħa u għoxrin (27) ġimgħa u jintemm mhux aktar tard mill-aħħar (31) ta' Jannar tal-1998[16]; (iii) kien hemm qbil dwar il-metodu tal-ħlas[17] u r-rati[18]; (iv) kemm l-imħarrkin u kif ukoll il-perit tagħhom kellhom is-setgħa li jitolbu bidla tax-xogħlijiet miftehma bla ma b'hekk jitwaqqa' l-ftehim[19], u f'każ li jkun meħtieġ aktar żmien biex jitwettqu tali xogħlijiet miżjuda bla ħtija ta' RMC, iż-żmien miftiehem kellu jiżdied[20], kif ukoll jiżdied jekk kemm-il darba jkun hemm ċirkostanzi lil hinn mis-setgħa ta' RMC li minħabba fihom ix-xogħol ikollu jiddawwar[21]; (v) f'każ li RMC ma ttemmx ix-xogħol fiż-żmien miftiehem, kellha tħallas lill-imħarrkin penali ta' ħamsin Lira Maltija (Lm 50[22]) kuljum[23]; (vi) l-imħarrkin kellhom il-jedd li, waqt li jkun għaddej ix-xogħol mogħti lil RMC, jordnaw fis-sit xogħlijiet oħrajn[24]; (vii) u f'każ li RMC titlaq mill-appalt, l-imħarrkin setgħu jqabbdu lil ħaddieħor biex itemm ix-xogħlijiet u d-danni li jġarrbu minħabba l-abbandun jitnaqqsu mill-bilanċ li RMC ikun għad għandha tieħu għax-xogħlijiet li tkun laħqet għamlet[25]; (viii) RMC ma setgħetx tissulloka x-xogħol lilha mogħti lil ħaddieħor mingħajr il-qbil tal-imħarrkin jew tal-perit tagħhom[26] (fil-fatt, RMC kienet qabbdet bħala sub-konduttur għax-xogħol tal-ġebel lil John Żarb u, aktar 'il quddiem lil Frankie Mifsud, wara li Żarb qatagħha li ma riedx ikompli jaħdem hemm aktar[27]); (ix) f'każ li l-imħarrkin kellhom jitilqu l-proġett minħabba ċirkostanzi li ma jkollhomx setgħa fuqhom, RMC titħallas tax-xogħol li tkun għamlet sa dak iż-żmien u ma tistax tfittixhom għad-danni minħabba t-twaqqif tal-proġett jew minħabba telf ta' xogħol jew qligħ[28];

[14] Dok "A", f'paġġ. 6 sa 31 tal-proċess
[15] Iżda l-perit tekniku irrileva li, fil-ftehim, kellu jingħata pre-avviż ta' erbatax-il (14) jum lill-kuntrattur qabel jinbeda x-xogħol
[16] Klawsola 3
[17] Klawsola 5
[18] Klawsola 4
[19] Klawsola 6.1
[20] Klawsola 6.2
[21] Klawsola 8
[22] Li jġibu € 116.47 fi flus tal-lum
[23] Klawsola 6.3
[24] Klawsola 7.15
[25] Klawsola 7.16
[26] Klawsola 7.17
[27] Xhieda ta' Emanuel Aquilina f'paġ. 155 tal-proċess
[28] Klawsola 7.19

Illi x-xogħol kollu stmat tal-appalt kellu jitla' għal wieħed u għoxrin elf seba' mija u ħamsa u tmenin elf Lira Maltin (Lm 21,785)[29];

Illi RMC bdiet ix-xogħol fuq is-sit fil-bidu ta' Awwissu tal-1997, u l-imħarrkin wettqu l-ewwel ħlas akkont f'Novembru, wara li x-xogħol li kien sar tkejjel mill-perit tagħhom[30];

Illi fi Frar tal-1998, minħabba bdil fl-iskeda tax-xogħlijiet, id-data tat-tmiem tal-appalt ittawlet sal-31 ta' Mejju, 1998[31], fuq talba ta' RMC u bi qbil mal-imħarrkin u l-perit tagħhom. Minkejja dan, ix-xogħol ma kienx għadu ntemm sa dik id-data u f'Awwissu l-imħarrkin qabbdu avukat biex jikteb lil RMC ħalli tgħidilhom minnufih u b'mod ċar kif u sa meta kellha ttemm ix-xogħlijiet appaltati li kien fadal isiru[32];

Illi x-xogħol baqa' jaqa' lura, minkejja li l-imħarrkin kienu jwettqu l-ħlas minnufih malli l-perit tagħhom joħroġ il-kontijiet[33]. Matul iż-żmien bejn Mejju tal-1998 u Awwissu ta' dik l-istess sena ntbagħtet korrispondenza ma taqtax bejn l-imħarrkin jew il-perit tagħhom u rappreżentanti ta' RMC minħabba li l-imħarrkin kienu tħassbu li x-xogħol kien sejjer jaqa' lura ħafna minkejja l-wegħdi ta' RMC li kollox kien sejjer tajjeb[34]. RMC kienet ukoll titlob lill-perit tal-imħarrkin tagħrif u direzzjoni[35]. Kienu baqgħu jsiru wkoll ħlasijiet akkont qabel ma jinħarġu formalment iċ-ċertifikati tal-kejl mill-perit[36]. Sa Novembru tal-1998, kienet inħalqet sitwazzjoni fejn il-bennej sub-appaltatur Żarb kien hedded li jieqaf mix-xogħol għaliex la kellu materjal biex jaħdem u lanqas kien tħallas mingħand RMC[37]. L-imħarrkin jgħidu li lil Żarb ħallsuh huma għaliex ix-xogħol tiegħu kien għal qalbhom[38]. Madankollu, Żarb ħalla s-sit lejn l-aħħar tal-1998 u RMC qabbdet lil bennej ieħor minfloku;

Illi fit-13 ta' April, 1999[39], l-imħarrkin temmew l-appalt mogħti lil RMC b'ittra uffiċjali b'dik id-data, u talbuha tiġbor it-tagħmir u l-għodda tagħha mis-sit u tersaq għal-likwidazzjoni tal-prezz tax-xogħol magħmul u l-ħlas min-naħa tagħha tal-penali minħabba d-dewmien;

[29] Ara Dok "A", f'paġġ. 28 – 30 tal-proċess
[30] Xhieda tal-imħarrka Sandra Galea f'paġ. 157 tal-proċess
[31] Ara Dok "SG4", f'paġ. 251 tal-proċess
[32] Dok "G7", f'paġ. 72 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Emanuel Aquilina f'paġ. 155 tal-proċess
[34] Dokti "SG6" sa "SG13", f'paġġ. 253 sa 260 tal-proċess
[35] Dok "MA16", f'paġġ. 229 sa 237 tal-proċess
[36] Xhieda tal-imħarrek Andrew Galea f'paġ. 167 tal-proċess
[37] Xhieda ta' John Żarb u tal-A.I.Ċ. Alberto Miceli Farruġia f'paġġ. 152 u 177 tal-proċess
[38] Xhieda tal-imħarrka Sandra Galean u ta' John Żarb f'paġġ. 162 u 182 – 3 tal-proċess
[39] Dokti "B" u "SG22", f'paġġ. 32 u 273 tal-proċess

Illi l-għada, l-14 ta' April, 1999[40], RMC intrabtet li b'seħħ mill-għada, hija kienet sejra taħdem "kuljum" fis-sit tal-imħarrkin fuq bażi ta' ġimgħa ta' ħamest (5) ijiem u jekk ikun hemm bżonn is-Sibtijiet ukoll għas-sudisfazzjon tal-imħarrkin. L-imħarrkin jgħidu li RMC kisret din il-wegħda wkoll. Fis-7 ta' Mejju, 1999[41], l-imħarrkin bagħtu jitolbu lil RMC permezz tal-avukat tagħhom biex tgħaddi tiġbor it-tagħmir tagħha kollu mis-sit, u biex jinġibed l-aħħar kont tax-xogħlijiet, wara li jittieħed qies tal-penali minħabba d-dewmien;

Illi fil-21 ta' Ġunju, 1999[42], il-perit tal-imħarrkin bagħat jgħarraf lil RMC li kienet waqgħet lura fix-xogħol bi tliet mija u wieħed u erbgħin (341) jum u talabha tħallas lill-klijenti tiegħu il-penali bir-rata miftehma għal kull jum, wara li ikkwantifika l-valur tax-xogħlijiet li kienet laħqet għamlet qabel ma ntemmilha l-appalt u wkoll il-kalkolu tan-nefqa li kellha ssir biex isiru xogħlijiet ta' tiswija u tibdil ta' xogħol li ma sarx sewwa;

Illi sakemm ħareġ iċ-ċertifikat tal-kejl tax-xogħol fit-23 ta' Ġunju, 1999, l-imħarrkin kienu ħassu b'kollox lil RMC (u darba b'mod dirett lil John Żarb), is-somma ta' dsatax-il elf disa' mija u għaxar Liri Maltin u sitta u erbgħin ċenteżmi (Lm 19,910.46)[43];

Illi fid-9 ta' Lulju, 1999[44], il-perit tal-imħarrkin ordna li ssir spezzjoni fuq il-post minn perit espert dwar ix-xogħol ta' rinforz tat-travi u l-pilastri u dan ordna li RMC tneħħi dak ix-xogħol u terġa' tagħmlu mill-ġdid[45];

Illi f'Lulju tal-1999, l-imħarrkin kienu qabbdu kuntrattur ieħor – Attard Brothers Company Limited – biex itemm ix-xogħlijiet tal-bini u jagħmel it-tibdil jew tiswija ta' xogħol li kien sar ħażin, filwaqt li l-perit tagħhom kien fassal lista aġġornata ta' x'kienu x-xogħlijiet li saru ħażin u x'kellha tkun in-nefqa biex jirranġaw l-affarijiet[46];

Illi fit-30 ta' Novembru, 1999[47], il-ġar tal-imħarrkin bagħat lill-imħarrek ittra uffiċjali biex jinterpellah jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-dannu li sarlu fil-ġid tiegħu meta twaqqa' konkos fi ħwejġu hu u jsir ix-xogħol fis-sit tal-imħarrkin. L-imħarrkin jgħidu li għamlu tajjeb għal din il-ħsara u ħallsu lill-ġar[48];

---

[40] Dokti "G1" u "SG23", f'paġġ. 49 u 274 tal-proċess
[41] Dok "SG24", f'paġ. 275 tal-proċess
[42] Dok "G6", f'paġ. 56 tal-proċess
[43] Li jġibu € 46,378.90 fi flus tal-lum. Ara Dok "MA7", f'paġ. 220 tal-proċess
[44] Dok "G4", f'paġ. 54 tal-proċess
[45] Dok "SG29", f'paġ. 286 tal-proċess
[46] Dok "G3", f'paġġ. 52 – 3 tal-proċess
[47] Dok "G2", f'paġ. 51 tal-proċess
[48] Dok "SG25" f'paġġ. 276 – 8 tal-proċess

Illi RMC fetħet il-kawża fit-13 ta' Jannar, 2000; filwaqt li l-imħarrkin ressqu l-azzjoni rikonvenzjonali fid-19 ta' Ġunju, 2000;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbutin mal-każ xieraq jingħad li din il-Qorti trid tistħarreġ (a) il-kwestjoni tat-temm tal-appalt u r-raġuni li wasslet biex dan isir; (b) il-kwestjoni ta' x'kienet ir-raġuni tad-dewmien fit-twettieq tal-appalt; (ċ) il-kwestjoni tal-kwalita' tax-xogħlijiet mogħtija minn RMC; u (d) il-kwestjoni tal-penali mitluba mill-imħarrkin, flimkien mad-danni li jgħidu li ġarrbu;

Illi dwar l-**ewwel kwestjoni** jibda biex jingħad li l-appalt lil RMC temmewh l-imħarrkin kommittenti, u jidher li r-raġuni ewlenija kienet minħabba li RMC waqgħet lura fit-twettieq tiegħu minkejja li ż-żmien kien ittawwal fuq talba tal-istess appaltatriċi;

Illi l-liġi trid li min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, imqar jekk ix-xogħol ikun inbeda diġa'[49]. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun, imqar bil-fomm[50]. Madankollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex il-kommittent jagħmel għażla bħal din: jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li jkun nefaq l-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħdu b'qies l-utilita' li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-kommittent u d-danni li jkun ġarrab il-kommittent minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt[51]. Jekk, min-naħa l-oħra, il-kommittent ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu[52];

Illi din il-kwestjoni hija sewwasew il-mertu tal-**ewwel talba attriċi** li trid li din il-Qorti ssib li d-dewmien fit-twettieq tal-appalt kien bi ħtija tal-imħarrkin kommittenti jew tal-perit tagħhom. Dan ifisser li RMC tagħraf li r-raġuni għaliex intemmilha l-appalt kien minħabba li waqgħet lura fit-twettieq tax-xogħlijiet wara ż-żmien miftiehem u minkejja li ż-żmien oriġinali kien imtawwal b'xejn anqas minn mija u għoxrin (120) jum ieħor;

Illi fil-ftehim tal-appalt mogħti lil RMC, kien hemm il-qbil espress li l-kommittenti setgħu jtemmu l-appalt mogħti lil RMC jekk kemm-il darba

[49] Art. 1640(1) tal-Kap 16
[50] Art. 1640(5) tal-Kap 16
[51] Art. 1640(3) tal-Kap 16
[52] Art. 1640(2) tal-Kap 16

din ma żżommx maż-żminijiet miftehma u li RMC tħallas penali għal kull jum ta' dewmien. L-imħarrkin jgħidu li din il-kundizzjoni saret fuq inizjattiva ta' RMC nnifisha. Minbarra dan, il-liġi titfa' sanzjonijiet fuq min, minkejja li jkun intrabat li jagħmel xi ħaġa, jonqos li jagħmilha fiż-żmien miftiehem[53], u jsir moruż bil-fatt waħdu li jkun għadda dak iż-żmien[54]. Kreditur ta' obligazzjoni li ħaddieħor ikun intrabat miegħu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, għandu l-għażla li jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jagħmel[55] u, f'każ li l-adempiment ma jkunx għadu jista' jsir aktar, li jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[56], liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun ġarrab u fil-qligħ li jkun imtellef minħabba l-inadempiment[57]. Din ir-regola tgħodd ukoll f'kuntratt bħal dak tal-appalt, fejn appaltant li jagħżel li jħoll il-kuntratt minħabba l-inadempiment min-naħa tal-kuntrattur, ma jġibx fuqu l-effetti tal-artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili[58];

Illi huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent;

Illi minn eżami bir-reqqa tal-provi mressqa l-Qorti tasal għall-fehma li n-nuqqas min-naħa ta' RMC li ttemm l-appalt fiż-żmien miftiehem (magħdud dak miżjud bi qbil) kien ħtija tagħha. Dan jingħad ukoll minkejja li l-imħarrkin kommittenti u l-perit imqabbad minnhom minn żmien għal żmien talbu xi xogħol żejjed jew bidlu xi xogħlijiet minn kif imfassla fuq il-pjanti. Din il-fehma tal-Qorti hija msaħħa wkoll mill-fehma tal-periti ġudizzjarji li lkoll kemm huma waslu biex isibu li l-mod kif RMC mexxiet l-appalt ma kienx jagħtiha raġun biex taqa' daqshekk lura fit-twettieq tax-xogħol li tqabbdet tagħmel[59];

Illi dan ifisser li l-imħarrkin kommittenti kellhom raġuni tajba biex itemmu l-appalt. Mill-provi ħareġ ukoll li, saħansitra wara li ntbagħtet l-ittra uffiċjali li biha l-imħarrkin kommittenti għarrfu lil RMC li kienu temmewlha l-appalt, din ippruvat tikkonvinċihom ibiddlu fehemthom billi bagħtet dikjarazzjoni li kienet lesta tibqa' taħdem kuljum biex ittemm dak li kienet

---

[53] Art. 1125 tal-Kap 16
[54] Art. 1130(1) tal-Kap 16
[55] P.A. **13.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea vs Calleja*** (Kolez. Vol: **XXXVI.ii.578**)
[56] Kumm. **13.2.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Petroni vs Petroni noe*** (Kollez. Vol: **XXXVI.iii.629**)
[57] Art. 1135 tal-Kap 16
[58] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Terence Mirabelli vs James Schembri***
[59] Ara Rapport tal-Perit Tekniku f'paġġ. 106 sa 116 tal-proċess; u r-rapport tal-Periti Perizjuri f'paġ. 361 tal-proċess

intrabtet li tagħmel. Ħareġ ukoll li, minkejja tali wegħda, RMC baqgħet ma waslitx li ttemm ix-xogħlijiet;

Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi mhijiex sejra tintlaqa' għaliex mhix mistħoqqa, filwaqt li l-ewwel talba rikonvenzjonali sejra tintlaqa';

Illi t-**tieni kwestjoni** hija marbuta ma' ta' qabilha. F'dan il-każ, ħareġ li r-raġuni għaliex RMC waqgħet lura fit-twettieq tax-xogħol kienet ġejja min-nuqqasijiet li ġabithom b'idejha stess. Kien hemm nuqqas ta' organiżżazzjoni xierqa tas-snajja' u tal-ħaddiema li kienet qabbdet. Ma' dan, wieħed jista' jżid ukoll li xi xogħol li għamlet ma sarx sewwa u dan ġab miegħu l-ħtieġa ta' bdil jew irranġar tax-xogħol misjub li huwa ħażin;

Illi meta wieħed jintrabat li jwettaq obbligazzjoni huwa mistenni li jagħmel dan bl-għaqal ta' missier tajjeb tal-familja[60]. Dan għaliex, ukoll fejn id-debitur ma jkunx mexa b'mala fidi, huwa jrid jagħmel tajjeb għal kull dannu li jġarrab il-kreditur tal-obbligazzjoni kemm dwar in-nuqqas ta' twettiq tar-rabta u kif ukoll dwar id-dewmien fl-eżekuzzjoni[61]. Biex jeħles minn dawn l-effetti, id-debitur irid juri li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligazzjoni jew id-dewmien fit-twettiq tagħha fiż-żmien miftiehem kienu l-kawża ta' ħaġa barranija li huwa ma kienx jaħti għaliha, bħal fil-każ ta' aċċident jew forza maġġuri[62];

Illi fil-każ tal-lum, ma tressqet l-ebda prova li RMC sabet ma' wiċċha xi ċirkostanzi ta' forza maġġuri li żammewha milli taħdem bla xkiel; lanqas ma ntwera li kien hemm xi ċirkostanza oħra lil hinn minn dak li setgħet tagħmel bil-ħila tagħha. Għall-kuntrarju, intwera li l-ftehim tal-appalt innifsu kien jaħseb għal qagħda bħal din u sakemm dam għaddej l-appalt RMC stess qatt ma lmentat dwar xi ħaġa jew dwar xi ċirkostanza li kienet iżżommha milli tista' twettaq dak li tqabbdet tagħmel;

Illi l-Qorti sejra tqis issa t-**tielet kwestjoni** dwar il-kwalita' ta' xogħol mogħti minn RMC. Din tindirizza t-**tieni u t-tielet talbiet attriċi** u wkoll ir-**raba', il-ħames u s-sitt talbiet rikonvenzjonali**;

Illi filwaqt li RMC tgħid li ngħatat tagħmel xogħlijiet oħrajn li ma kinux fost dawk miftehma fil-kuntratt tal-appalt u trid titħallas tagħhom, l-imħarrkin jgħidu li RMC għamlet xogħol li kellu jsir mill-ġdid għaliex ma sarx sewwa, u li kellhom iqabbdu lil ħaddieħor biex jerġa' jagħmlu. Minħabba

[60] Art. 1132(1) tal-Kap 16
[61] Art. 1133 tal-Kap 16
[62] Art.1134 tal-Kap 16

f'hekk, ressqu talbiet rikonvenzjonali għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba f'dan;

Illi huwa aċċettat li l-fatt waħdu li x-xogħol appaltat ma jkunx intemm kollu, ma jistax jingħad li l-kuntratt ma twettaqx, għaliex inadempiment f'biċċa biss mix-xogħol kollu mogħti ma jistax jitqabbel ma' nuqqas sħiħ ta' twettiq. F'każ bħal dan, fejn parti mix-xogħol tkun twettqet u tkun tiswa lill-appaltant, dan ma jistax jirrifjuta li jħallas għax-xogħol li sar[63];

Illi jitqies li l-appaltatur kien inadempjenti jekk, fejn ikun ta xogħlijiet li ma jkunux tajbin jew skond is-sengħa, jibqa' jwebbes rasu għat-talba tal-kommittent biex jagħmel tajjeb għal tali nuqqasijiet: f'każ bħal dan, l-appaltant jista' jgħaddi biex ineħħi l-imsemmija difetti bla ħtieġa li joqgħod jitlob l-awtorizżżazzjoni tal-Qorti għal dan[64];

Illi daqstant ieħor huwa stabilit li fejn f'appalt ikun twettaq xogħol li jkollu nuqqasijiet, l-kommittent ma jistax jibqa' jallega l-inadempiment kuntrattwali jekk jaqbad u jwaqqaf lill-appaltatur u, mingħajr ma jitolbu jsewwi dawk in-nuqqasijiet, iqabbad lil ħaddieħor biex jagħmilhom hu[65];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħareġ mill-provi li mhux ix-xogħol kollu li sar minn RMC ma kienx tajjeb. Li kieku dan kien il-każ, ma kienx jagħmel sens li l-imħarrkin kommittenti jaċċettawh u jagħtu wkoll żmien imtawwal biex RMC tibqa' tagħtihom xogħol ieħor bit-tama li ttemm kulma kienet tqabbdet tagħmel. Hemm imbagħad il-fatt li x-xogħol mogħti kien approvat mill-perit tal-istess imħarrkin u mħallas minnhom. Dan ma jistax jitfisser ħaġ'oħra ħlief approvazzjoni min-naħa tal-kommittent ta' xogħol imwettaq tajjeb;

Illi ħareġ ċar ukoll li RMC intalbet tagħmel xogħol li ma kienx miftiehem fil-ftehim tal-appalt. Din kienet ċirkostanza maħsuba fl-istess kuntratt u RMC kienet intrabtet biha. L-imħarrkin ukoll jaċċettaw li saru tali xogħlijiet u li ma jidhirx li kienu ħallsu lil RMC tagħhom għaliex ma kinux saru l-konteġġi u nħareġ iċ-ċertifikat dwarhom;

Illi l-ewwel Perit tekniku mqabbad mill-Qorti wasal għall-fehma[66] li l-valur tal-imsemmija xogħlijiet żejda joħroġ mit-tieni talba attriċi meta jitnaqqas il-valur maħsub fil-ftehim tal-appalt mill-ammont sħiħ ta' xogħol imkejjel u kwantifikat mill-perit tal-imħarrkin[67]. Billi RMC ma ressqitx provi ta' liema

---

[63] App.Inf. **17.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Bezzina et vs Joseph Attard et***
[64] P.A. PS **9.6.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs Anthony Aġius***
[65] P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***France Abela vs Joseph Scicluna***
[66] Rapport f'paġġ. 117 – 9 tal-proċess
[67] Ara Dok "MA7", f'paġ. 220 tal-proċess

xogħlijiet oħrajn żejda hija ngħatat tagħmel u li tqis li ma tħallsitx tagħhom, il-Qorti toqgħod fuq il-fehma tal-perit li l-valur tax-xogħol żejjed mitlub kien jitla' għal sitt elef tmien mija u disgħa u għoxrin Lira Maltija u erbgħa u tletin ċenteżmi (Lm 6,829.34)[68]. Ma' dan jaqblu wkoll il-periti addizzjonali[69];

Illi għalhekk, it-tielet talba attriċi sejra tintlaqa' f'dak l-ammont;

Illi, madankollu, marbuta mal-kwestjoni tax-xogħlijiet żejda bilfors trid titqies dik dwar il-kwestjoni tal-kwalita' tax-xogħol mogħti minn RMC. L-imħarrkin jgħidu li, minħabba li mhux ix-xogħol kollu mogħti minn RMC kien sar sewwa u minħabba li RMC ntemmilha l-appalt qabel ma kienet spiċċat kull xogħol li kellha tagħmel, huma ġarrbu danni. Biex isaħħu din il-pretensjoni tagħhom, huma ressqu l-lista (aġġornata) maħruġa mill-perit tagħhom bin-nuqqasijiet elenkati ('*snag list*') tax-xogħlijiet li jew kellhom jerġgħu jsiru jew li kellhom bżonn li jdurhom xiħadd mill-ġdid; huma ressqu wkoll il-kont maħruġ mill-kuntrattur li qabbdu wara li keċċew lil RMC[70];

Illi wara li qabbel il-partiti tal-i'*snag list*' maħruġa mill-perit tal-imħarrkin mal-kont tat-tieni kuntrattur imqabbad minnhom, il-perit tekniku sab li (i) l-ammont ta' xogħlijiet difettużi magħmula minn RMC kien diġa' ttieħed b'qies u mnaqqas mill-ħlas li kellha tieħu[71]; u (ii) li n-nefqa li l-imħarrkin daħlu għaliha mal-kuntrattur il-ġdid biex tneħħew ix-xogħlijiet difettużi kienet tlaħħaq is-somma ta' disa' mija u ħamsa u ħamsin Lira Maltija u wieħed u sebgħin ċenteżmi (Lm 955.71[72])[73] . F'dan ir-rigward, il-perit tekniku ħalla f'idejn il-Qorti jekk kellhiex timxi mal-i'*snag list*' oriġinali (maħruġa f'Ġunju tal-1999[74]) jew jekk għandhiex toqgħod fuq dik riveduta (maħruġa f'Settembru tal-1999[75]). Dan għamlu għaliex fit-tmien (8) premessa tal-azzjoni rikonvenzjonali tagħhom, l-imħarrkin rikonvenjenti semmew il-lista oriġinali u mhux dik riveduta u minħabba li semmew iċ-ċertifikat maħruġ mill-espert '*ex parte*' li l-perit tagħhom qabbad biex jistħarreġ ir-rinforzi tal-pilastri u l-kolonni[76], u għalhekk qies din il-kwestjoni bħala waħda 'legali' u mhux teknika;

Illi l-Qorti tqis li għalkemm fl-imsemmija premessa l-imħarrkin jirreferu għall-i'*snag list*' oriġinali u fl-istess premessa jsemmu li kellhom ċertifikat

[68] Li jġibu € 15,908.08 fi flus tal-lum
[69] Rapport tagħhom f'paġ. 361 tal-proċess
[70] Dok "SG28", f'paġġ. 282 – 5 tal-proċess
[71] Rapport tiegħu f'paġ. 119 tal-proċess
[72] Li jġibu € 2,226.21 fi flus tal-lum
[73] Rapport tiegħu f'paġġ. 120 – 7 tal-proċess
[74] Dok "G6", f'paġ 57 tal-proċess
[75] Dok "G3", f'paġ. 53 tal-proċess
[76] Ara d-Dok "G4", f'paġ. 54 tal-proċess

li jgħid li kien hemm xogħlijiet difettużi, ressqu wkoll bħala prova dokumentali il-lista aġġornata. Fit-tieni lok, ħareġ li n-nuqqasijiet rilevati fix-xogħol mogħti minn RMC ma kinux limitati għax-xogħol tar-rinforz tal-pilastri u l-kolonni, imma kien jinkludi oqsma oħrajn tax-xogħol appaltat, b'mod li l-Qorti qiegħda tifhem li t-tismija taċ-ċertifikat dwar nuqqasijiet fir-rinforzi kienet biex turi b'eżempju fejn kienu n-nuqqasijiet u mhux biex tillimita l-ilment. Fit-tielet lok, ingħataw raġunijiet tekniċi għalfejn il-perit tal-imħarrkin irreveda l-lista tax-xogħlijiet difettużi. Fir-raba' lok, il-periti addizzjonali dehrilhom li l-valur tan-nefqa biex saru x-xogħlijiet rimedjali kellu jkun dak likwidat mill-ewwel perit skond il-lista aġġornata u mhux dak imnaqqas u limitat biss għan-nuqqasijiet fir-rinforzi[77];

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal hija wkoll għall-fehma li l-valur tan-nefqa biex jissewwew ix-xogħlijiet li RMC ma għamiltx sewwa huwa dak likwidat mill-periti mqabbdin minnha;

Illi hemm provi u raġunijiet tajbin biżżejjed biex jorbtu n-nefqa li kellhom jidħlu għaliha l-imħarrkin max-xogħol ħażin li sar minn RMC u li għalhekk tiġbed fuqha r-responsabbilta' għall-ħlas tal-kumpens lill-imħarrkin rikonvenjenti;

Illi għar-raġunijiet mirquma msemmija mill-ewwel perit[78] u li ma jidhirx li hemm għalfejn wieħed joqgħod jerġa' jtennihom, l-imħarrkin ma seħħilhomx jippruvaw li ġarrbu xi danni oħrajn lil hinn minn dawk li ssemmew hawn fuq;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali għaliex hija mistħoqqa; tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali billi tillikwida d-danni mġarrbin mill-imħarkin rikonvenjenti fis-somma ta' elfejn mitejn u sitta u għoxrin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€ 2,226.21); u sejra tilqa' wkoll is-sitt talba rikonvenzjonali billi tordna li RMC tħallasha lill-imħarrkin;

Illi jifdal li l-Qorti tqis ir-**raba' kwestjoni** marbuta mal-penali li l-imħarrkin rikonvenjenti jippretendu li RMC tħallashom minħabba li ma temmitx fiż-żmien miftiehem ix-xogħol li qabbduha tagħmel;

Illi din il-kwestjoni tindirizza **t-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali**;

---

77 Rapport tagħhom f'paġ. 361 tal-proċess
78 Rapport tiegħu f'paġġ. 127 sa 130 tal-proċess

Illi hawnhekk wieħed iżomm quddiem għajnejh li, kif imfisser aktar qabel, instab li RMC ma mxietx mal-ftehim mal-kommittenti dwar meta kellha tlesti x-xogħol appaltat;

Illi dwar il-pretensjonijiet tal-penali, irid jingħad li l-ftehim li jistabilixxi l-ħlas ta' penali għan-nuqqas ta' twettieq f'waqtu ta' obbligazzjoni li tintrabat biha waħda mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni[79]. Il-klawsola penali hija għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel[80];

Illi fejn il-klawsola penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dak inhar li tgħaddi d-data miftehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dak inhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali tagħmel biss parti minnu[81];

Illi l-liġi trid li l-kreditur ta' obbligazzjoni jagħżel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-ħlas tal-penali[82], sakemm il-penali ma ġietx miftehma għad-dewmien biss, f'liema każ it-talba tat-tnejn hija possibbli[83];

Illi l-liġi tagħti s-setgħa lill-Qorti li tnaqqas jew itaffi l-penali f'żewġ każijiet biss: jiġifieri, (a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun aċċetta espressament il-biċċa li ġiet esegwita; jew (b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fiċ-ċirkostanzi, biċ-ċar swiet lill-kreditur[84]. Iżda f'dan l-aħħar każ, il-penali tkun dovuta jekk tkun ġiet miftehma għad-dewmien fit-twettiq tal-obbligazzjoni;

Illi l-applikazzjoni riġida ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, minkejja l-konsegwenzi iebsa li jistgħu jinstiltu minnha fil-prattika, ġejja mir-rispett li jrid jingħata lill-prinċipju li ftehim validu bejn il-partijiet għandu s-saħħa ta' liġi bejniethom[85], u l-ebda qorti m'għandha tindaħal fi ftehim bħal dan jekk ma jkunx milqut b'xi difett li ġġibu ma jiswiex. Madankollu, llum il-ġurnata huwa aċċettat li l-applikazzjoni tar-regola maħsuba fl-artikolu 1122 tal-Kodiċi Ċivili trid titfisser ukoll fid-dawl ta' prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, jiġifieri dak li jrid li l-kuntratti jiġu esegwiti b'bona fidi u jobbligaw, mhux biss għal dak li jingħad fihom, imma wkoll għall-

[79] Art. 1119(1) tal-Kap 16;
[80] Ara Torrente _Manuale di Diritto Privato_, par. 300, paġ 490-1; u art. 1120 tal-Kap 16
[81] P.A. GCD **16.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Caruana et vs George Camenżuli et***
[82] Art. 1120(2) tal-Kap 16
[83] Art. 1120(3) tal-Kap 16
[84] Art. 1122(1) tal-Kap 16
[85] Art 992(1) tal-Kap 16

konsegwenzi li ġġib magħhom l-obbligazzjoni, skond l-għamla tagħha, b'ekwita', bl-użu jew bil-liġi[86]. Dan ifisser li b'applikazzjoni tal-massima *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit*, huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta' klawsola penali jiġu "ridimensjonati" jekk jirriżulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaċċettabbli "skond in-normi stabiliti tas-soċjeta' u l-loġika ġuridika"[87];

Illi tqum hawnhekk il-kwestjoni jekk kemm-il darba l-imħarrkin kommittenti jistgħux jitolbu kumpens taħt il-kawżali tal-penali miftehma u kif wkoll id-danni. Fuq is-saħħa ta' ġurisprudenza ma jidhirx li ż-żewġ talbiet ma jistgħux isiru flimkien, l-aktar fejn il-penali tkun iddaħħlet għad-dewmien[88]. Iżda dan ma jnaqqas xejn mill-ħtieġa li l-parti mġarrba turi bi provi xierqa x'inhuma d-danni li tkun batiet, u mhux tistrieħ biss fuq il-fatt li kien hemm iċ-ċirkostanzi li tiddekorri l-klawsola penali[89];

Illi fil-każ tal-lum, il-penali kienet miftehma fil-kuntratt tal-appalt u marbuta maż-żmien speċifiku li fih kellu jintemm l-istess appalt. Ħareġ mill-provi li, bi qbil mal-kommittenti u l-perit tagħhom, iż-żmien li kien miftiehem mal-għoti tal-appalt jiżdied b'mija u għoxrin jum ieħor. L-ewwel perit tekniku sab, madankollu, li (a) għalkemm il-ftehim tal-appalt jgħid[90] li x-xogħol kellu jibda fis-7 ta' Lulju, 1998, l-istess ftehim jgħid[91] li kellu jingħata lil RMC pre-avviż ta' erbatax-il (14) jum qabel ma kellha tibda x-xogħol; sab ukoll li (b) l-ftehim kien jipprovdi[92] li ż-żmien kien jista' jittawwal għal raġuni li għaliha ma taħtix RMC u bi qbil min-naħa tal-kommittenti u l-ħruġ ta' "*variation order*" min-naħa tal-perit tagħhom. Il-ftehim kien iffirmat fit-3 ta' Lulju, 1998, u għalhekk l-eqreb data li fiha x-xogħol kellu jitqies li nbeda (jekk ingħata l-pre-avviż) fis-17 ta' Lulju. Ma ntweriex li kienet ħarġet xi '*variation order*', iżda kemm il-kommittenti mħarrkin u kif ukoll il-perit tagħhom jagħrfu li d-data kienet ittawlet sal-31 ta' Mejju, 1998[93];

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-appalt intemm dakinhar li ntbagħtet l-ittra uffiċjali, jiġifieri fit-13 ta' April, 1999;

---

[86] Art. 993 tal-Kap 16
[87] App. Ċiv. **15.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Paċe vs Richard Micallef pro et noe***; u App. Ċiv. **25.2.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et***
[88] App. Ċiv. **20.2.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Merola vs Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX.i.106**)
[89] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Accountant General et vs Joseph Spiteri***
[90] Klawsola 3.1
[91] "E. Appendices", ara paġ. 27 tal-proċess
[92] Klawsola 6.2
[93] Ara Dok "G6", f'paġ. 56 tal-proċess

Illi l-perit tal-kommittenti kien ikkalkola d-dewmien f'341 jum meta kiteb lil RMC biex tibgħat tħallas il-penali f'Ġunju tal-1999[94]. Min-naħa l-oħra, l-ewwel perit tekniku maħtur mill-Qorti wasal għall-fehma li, minħabba xi dewmien fl-għoti ta' struzzjonijiet min-naħa tal-perit tal-kommittenti u wkoll minħabba x-xogħol żejjed, kellhom jitnaqqsu tlieta u erbgħin (43) jum mill-għadd ta' tliet mija u ħamest (305) ijiem li nstab li RMC kienet waqgħet lura[95]. Il-periti addizzjonali żiedu jgħidu li ladarba RMC ma ngħatatx il-pre-avviż tal-14-il jum qabel ma kellha tibda x-xogħol, dawn imisshom jitnaqqsu mill-għadd ta' jiem li hija tqieset moruża, u għalhekk dwar dawk il-jiem ma tistax titqies li kienet taħti għad-dewmien[96];

Illi l-Qorti qieset b'reqqa din il-ħaġa u ma tistax taqbel mal-fehma tal-periti addizzjonali. Ladarba d-data tat-tluq biex ikun kalkulat id-dewmien kellha tkun il-31 ta' Mejju, 1998 (jiġifieri d-data l-ġdida maqbula b'estensjoni mill-partijiet), ma jiswa xejn jekk kienx hemm nuqqas ta' tħaris tal-għoti tal-pre-avviż lil RMC biex jingħata l-bidu għax-xogħol. It-tiġdid taż-żmien tal-għeluq tal-appalt ħalaq kejl ġdid li miegħu RMC kellha timxi biex ittemm l-appalt mogħti lilha, lil hinn minn meta kienet effettivament bdiet ix-xogħlijiet. Min-naħa l-oħra, kif sewwa wera l-ewwel perit tekniku, jekk kemm-il darba ngħataw xogħlijiet żejda, wara l-imsemmi tiġdid, dan kellu jitqies biex wieħed jara jekk kienx hemm raġuni tajba għad-dewmien;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li sakemm RMC tkeċċiet mill-appalt, hija kienet waqgħet lura fix-xogħol b'mitejn u tnejn u sittin (262) jum. Minħabba li l-ftehim jistabilixxi r-rata ta' penali kuljum, il-Qorti qiegħda tillikwidaha fis-somma ta' tletin elf ħames mija u ħmistax-il euro u erbatax-il ċenteżmi (€ 30,515.14)[97];

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali;

Illi dan ifisser li RMC għandha tagħti lill-imħarrkin u mhux titħallas mingħandhom, wara li jinqatgħu l-krediti rispettivi. Dan jiġri billi filwaqt li RMC hija kreditriċi tal-imħarrkin għall-valur tax-xogħlijiet żejda li jammontaw għal ħmistax-il elf disa' mija u tmien euro u tmien ċenteżmi (€ 15,908.08) bħala valur ta' xogħlijiet żejda li ntalbet tagħmel, hija għandha tħallas lill-imħarrkin rikonvenjenti tletin elf ħames mija u ħmistax-il euro u erbatax-il ċenteżmi (€ 30,515.14) bħala penali likwidata u elfejn mitejn u sitta u għoxrin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€ 2,226.21) bħala danni minfuqa biex jissewwew ix-xogħlijiet li ma sarux

[94] *Ibid.*
[95] Rapport tiegħu f'paġ. 130 tal-proċess
[96] Rapport tagħhom f'paġ. 361 tal-proċess
[97] 262 x €116.47 = € 30,515.14

sewwa. Dan ifisser li RMC għandha tagħti lill-imħarrkin sittax-il elf tmien mija u tlieta u tletin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€ 16,833.27)[98];

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tiċħad it-tieni u r-raba' talbiet attriċi minħabba li RMC għandha tagħti u mhux titħallas;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni u r-raba' talbiet attriċi** billi l-kumpannija attriċi mhijiex kreditriċi iżda għandha tagħti lill-imħarrkin;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tillikwida l-valur tax-xogħlijiet żejda mwettqa mill-kumpannija attriċi fl-appalt mogħti lilha mill-imħarrkin fis-somma ta' ħmistax-il elf disa' mija u tmien euro u tmien ċenteżmi (€ 15,908.08) li l-imħarrkin iridu jħallsu lill-istess kumpanija attriċi;

**Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali** u ssib li l-kumpannija attriċi naqset bi ħtija tagħha li ttemm ix-xogħlijiet li ngħatat tagħmel fl-appalt miftiehem fiż-żmien maqbul bejn il-partijiet;

**Tilqa' t-tieni talba rikonvenzjonali** u tillikwida l-penali li l-kumpannija attriċi rikonvenuta jmissha tħallas lill-imħarrkin rikonvenjenti fis-somma ta' tletin elf ħames mija u ħmistax-il euro u erbatax-il ċenteżmi (€30,515.14);

**Tilqa' t-tielet talba rikonvenzjonali** u tikkundanna lill-kumpannija attriċi rikonvenuta tħallas l-imsemmija penali lill-imħarrkin rikonvenjenti;

**Tilqa' r-raba' talba rikonvenzjonali** u ssib li l-kumpannija attriċi rikonvenuta taħti lejn l-imħarrkin rikonvenjenti għad-danni li ġarrbu minħabba xogħlijiet magħmula ħażin u mhux kif jitolbu s-sengħa u l-arti;

**Tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali** billi tillikwida d-danni mġarrbin fis-somma ta' elfejn mitejn u sitta u għoxrin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmi (€ 2,226.21);

**Tilqa' s-sitt talba rikonvenzjonali**; u

[98] € 30,515.14 + €2,226.21 - €15,908.08 = € 16,833.27

**Tikkundanna** lill-kumpannija attriċi tħallas lill-imħarrkin rikonvenjenti s-somma ta' sittax-il elf tmien mija u tlieta u tletin euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmi (€ 16,833.27), rappreżentanti l-bilanċ li jifdal wara li, mill-ammont tal-penali u d-danni likwidati, jitnaqqas il-valur tax-xogħlijiet żejda li tagħhom il-kumpannija attriċi għadha ma tħallsitx, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-kumpannija attriċi tħallas ukoll l-**ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**27 ta' April, 2016**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**
**27 ta' April, 2016**